MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2008

Numru. 1182/2006

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 8 ta' Mejju 2008.**

**Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**

**Vs**

**Josef Farrugia**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Josef Farrugia, ta’ 28 sna, iben il-mejjet Anthony u Maria nee’ Cilia, imwieled Pieta’ nhar id-19 ta’ Marzu 1980, residenti 5, Triq Gardenja, Santa Lucia, detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 168580 M;

Talli nhar id-29 ta’ Mejju 2006, ghall-habta tas-7.00am, gewwa Triq San Vincenz f’Tas-Sliema, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterjuri u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ delitt ta’ serq minn go vettura b’numru tar-registrazzjoni FAI 131 ghad-detriment ta’ Daniel Massa, mill-Mellieha, liema delitt ma’ giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, liema delitt li kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, valur ta’ l-haga u xorta tal-haga misruqa;

Kif ukoll talli rrenda lilu nnifsu recediv wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma’ jistghux jinbiddlu.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet il-provi;

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 41, 261, 263, 267, 271 TAL-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet ix-xhieda prodotta u ezaminat id-dokumenti ezebiti, din il-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni akkuza u ghaldaqstant tilliberah minnha, qieghda ssibu hati ta’ l-ewwel, u tikkundannah ghal perijodu ta’ sena prigunerija, sospiza ghal erba’ (4)

snin, taht supervizjoni ta’ Ufficjal tal-Probation, a tenur ta’ l-Artikolu 28 G tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Il-Qorti, fissret fi kliem semplici u ciar, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

ANTHONY J VELLA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------